MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 119/1997/1

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Galdes & Mamo Limited u din in rapprezentanza tal-kumpannija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha William Gatt sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Salvu Attard**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut fl-ammont ta' erbgha mija u ghaxar liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm410.49) li jinkludu hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) *excess* imhallsin mill-assikurat, rapprezentanti danni kawzati mill-konvenut f'incident tat-traffiku li sehh fit-18 ta' Frar, 1995 f'St. Leonard Street, Xaghra, Ghawdex meta

waqt li l-assikurat William Gatt kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni J0328, zewg *ponies* proprjeta' tal-konvenut baqghu dehlin fl-imsemmija vettura u kkawzaw danni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-12 ta' Novembru 1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa li l-ammont pretiz m'huwiex dovut peress li l-kawza tad-danni ma kienx il-konvenut. Del resto diga' hemm kawza ohra fl-ismijiet inversi fejn il-konvenut harrek lill-attur ghad-danni minnu sofferti.

Rat in-nota ta' ammissjoni prezentata fis-seduta tal-lum u li permezz taghha l-konvenut ammetta t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici u b'hekk tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbgha mija u ghaxar liri Maltin u disgha u erbghin centezmi (Lm410.49) in lineja ta' danni, u bl-imghax kif mitlub.

Spejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------